

**Brussell, 10 ta' Diċembru 2024
(OR. en)**

10573/24

LIMITE

**CORLX 578
CFSP/PESC 831
COAFR 203
CONUN 116
COARM 112
FIN 507**

ATTI LEĠIŻLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2023/2135 dwar miżuri restrittivi fid-dawl ta' attivitajiet li jdgħajfu l-istabbiltà u t-tranżizzjoni politika tas-Sudan

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2024/...

ta' ...

**li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2023/2135
dwar miżuri restrittivi fid-dawl ta' attivitajiet li jdgħajfu
l-istabbiltà u t-tranżizzjoni politika tas-Sudan**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 29 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

- (1) Fid-9 ta' Ottubru 2023, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2023/2135¹.
- (2) Fis-27 ta' Novembru 2023, ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà ħareġ dikjarazzjoni fisem l-Unjoni, li fiha l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha tennew il-kundanna qawwija tagħhom għall-għied kontinwu bejn il-Forzi Armati Sudani (SAF — Sudanese Armed Forces) u l-Forzi ta' Appoġġ Rapidu (RSF — Rapid Support Forces), u l-milizzji rispettivi affiljati magħhom. Id-dikjarazzjoni ddeplorat ukoll l-eskalazzjoni drammatika tal-vjolenza u l-ħsara irreparabbli għall-ħajja tan-nies fid-Darfur u fil-pajjiż kollu, kif ukoll il-ksur tad-dritt internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem u tad-dritt umanitarju internazzjonali.
- (3) Fit-22 ta' Jannar 2024, permezz tad-Deċiżjoni (PESK) 2024/383², il-Kunsill adotta sett ta' miżuri restrittivi kontra sitt entitajiet tal-SAF u l-RSF responsabbli għall-appoġġ ta' attivitajiet li jimminaw l-istabbiltà u t-tranżizzjoni politika tas-Sudan.
- (4) Fl-24 ta' Ġunju 2024, permezz tad-Deċiżjoni (PESK) 2024/1784³ il-Kunsill adotta sett ta' miżuri restrittivi kontra sitt individwi responsabbli għall-appoġġ ta' attivitajiet li jimminaw l-istabbiltà u t-tranżizzjoni politika tas-Sudan.

¹ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2023/2135 tad-9 ta' Ottubru 2023 dwar miżuri restrittivi fid-dawl ta' attivitajiet li jdgħajfu l-istabbiltà u t-tranżizzjoni politika tas-Sudan (ĠU L, 2023/2135, 11.10.2023, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2023/2135/oj>).

² Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2024/383 tat-22 ta' Jannar 2024 li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2023/2135 dwar miżuri restrittivi fid-dawl ta' attivitajiet li jdgħajfu l-istabbiltà u t-tranżizzjoni politika tas-Sudan (ĠU L, 2024/383, 22.1.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2024/383/oj>).

³ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2024/1784 tal-24 ta' Ġunju 2024 li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2023/2135 dwar miżuri restrittivi fid-dawl ta' attivitajiet li jdgħajfu l-istabbiltà u t-tranżizzjoni politika tas-Sudan (ĠU L, 2024/1784, 24.6.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2024/1784/oj>).

(5) Minħabba l-gravità tas-sitwazzjoni, jenħtieġ li jiġu inklużi erba' individwi fil-lista ta' persuni, entitajiet u korpi fiżiċi u ġuridiċi msemmija fl-Anness tad-Deċiżjoni (PESK) 2023/2135.

(6) Għalhekk jenħtieġ li d-Deċiżjoni (PESK) 2023/2135 tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Anness tad-Deċiżjoni (PESK) 2023/2135 huwa emendat f'konformità mal-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi ..., ...

Għall-Kunsill

Il-President

ANNESS

Fl-Anness tad-Deċiżjoni (PESK) 2023/2135, taħt l-intestatura A. "Lista ta' persuni fiżiċi msemmija fl-Artikolu 1(1) u fl-Artikolu 2(1)", jiżdiedu l-entrati li ġejjin:

(...)

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
"7.	Salah Abdallah Mohamed SALAH magħruf ukoll bħala SALAH GOSH	Data tat-twelid: 1957 Post tat-twelid: Nuri, is-Sudan Nazżjonalità: Sudaniża Passaport: YSJCYKRYG1U5 Sess: raġel Funzjoni: eks konsulent tas-sigurtà nazżjonali tar-Repubblika tas-Sudan; eks Direttur tas-Servizz Nazżjonali tal-Intelligence u s-Sigurtà Sudaniż	Salah Abdallah Mohamed Salah huwa l-eks konsulent tas-sigurtà nazżjonali tar-Repubblika tas-Sudan u l-eks Direttur tas-Servizz Nazżjonali tal-Intelligence u s-Sigurtà (NISS) Sudaniż. Salah Abdallah Mohamed Salah huwa responsabbli għal diversi kolpi ta' stat fis-Sudan – b'mod partikolari dawk fl-2012 u l-2019 – u għen fl-eżekuzzjoni ta' kolp ta' stat fl-2021. Huwa ġeneralment meqjus bħala l-“kap tal-ispji” tas-Sudan. Minħabba l-għarfien espert tiegħu bħala eks uffiċjal tas-sigurtà, huwa kellu rwol biex jgħin lill-elementi preċedenti tar-reġim jerġgħu lura għall-poter u mmina l-isforzi biex jiġi stabbilit gvern ċivili fis-Sudan. Wara l-waqgħa tar-reġim ta' Al-Bashir, Salah Abdallah Mohamed Salah baqa' involut f'attivitajiet li jiddestabbilizzaw il-paċi u l-istabbiltà fil-pajjiż. Għalkemm illum rari jidher fil-pubbliku, huwa għadu attiv u huwa meqjus bħala l-“moħħ” wara ħafna mill-azzjonijiet imwettqa mill-Forzi Armati Sudaniżi (SAF) u d-dipartiment tal-operazzjonijiet tal-intelligence bħala parti mill-kriżi li ilha għaddejja.	+

+ ĠU: Jekk jogħġbok daħħal id-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni.

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elencar
		Individwi assoċjati: l-eks President tar-Repubblika tas-Sudan, Omar Al-Bashir; Il-Ġeneral Abdelfattah Al-Burhan Entitajiet assoċjati: Is-Servizz Nazzjonali tal-Intelligence u s-Sigurtà (NISS)	Għalhekk, Salah Abdallah Mohamed Salah huwa meqjus bħala mexxej fost l-elementi iebsa tar-reġim preċedenti ta' Al-Bashir, li huwa responsabbli għas-sigurtà u l-isforzi relatati mal-militar, u huwa inkorporat fl-istrutturi tal-SAF. Ir-rabtiet ideoloġiċi tiegħu mal-eks reġim ta' Al-Bashir, u b'mod partikolari l-Partit tal-Kongress Nazzjonali (NCP) huma xprun qawwi tan-narrattiva li tinstiga l-gwerra kontra l-front oppost, jiġifieri l-Forzi ta' Appoġġ Rapidu (RSF). Salah Abdallah Mohamed Salah għalhekk kien u għadu involut f'azzjonijiet li jheddu l-paċi, l-istabbiltà jew is-sigurtà tas-Sudan u f'azzjonijiet li jimminaw l-isforzi biex tkompli t-tranżizzjoni politika fis-Sudan.	

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
8.	Tijani KARSHOM magħruf ukoll bħala KHARSHOM; KARSHOUM; KHARSHOUM; AL-TIJANI AL-TAHIR KARSHOUM	Nazzjonalità: Sudaniża Sess: raġel Funzjoni: eks Viċi Gvernatur (jew "Wali" fil-lingwaġġ lokali) tad-Darfur tal-Punent. Gvernatur de facto tad-Darfur tal-Punent; Individwi assoċjati: Abdulrahman JUMA BARAKALLAH; Masar Abdurahman ASEEL, Entitajiet assoċjati: Gathering of Sudan Liberation Forces (GSLF)	Tijani Karshom huwa membru ewlieni tat-tribù Mahamid u kien Viċi Gvernatur tad-Darfur tal-Punent fiż-żmien tal-massakru tat-tribù ta' Massalit f'El Geneina, il-belt kapitali tad-Darfur tal-Punent, f'Ġunju 2023. Huwa wkoll membru tal-Gathering of Sudan Liberation Forces (GSLF) li ffaċilitaw ir-reklutaġġ ta' milizzja biex jiġġieldu flimkien mal-Rapid Support Forces (RSF). Tijani Karshom huwa responsabbli fl-attakk fatali fuq il-Gvernatur tad-Darfur tal-Punent f'El Geneina f'Ġunju 2023, talli ta struzzjonijiet lill-RSF biex jipprevjenu liċ-ċivili maqbuda f'El Geneina milli jħallu l-belt, u talli mexxa żewġ attakki fuq kampijiet għal persuni spostati f'pajjiżhom. Wara l-massakru ta' El Geneina, huwa stabbilixxa kumitat għall-ġbir u d-difna ta' iġsma fl-oqbra tal-massa. Kien involut ukoll fi sforzi biex jinħbew l-iġsma wara t-tieni massakru f'Ardamatta, fid-Darfur tal-Punent, f'Novembru 2023.	+

+ ĠU: Jekk jogħġbok daħħal id-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni.

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elencar
			Tijani Karshom huwa responsabbli wkoll talli mexxa attakk f'El Geneina flimkien mal-RSF u talli ordna l-isparar tal-artillerija fuq l-uffiċċju tal-Gvernatur tad-Darfur tal-Punent f'Mejju 2023, xahar qabel il-qtil tal-Gvernatur. Tijani Karshom għalhekk kien u għadu involut f'azzjonijiet li jheddu l-paċi, l-istabbiltà u s-sigurtà tas-Sudan u kien involut fl-ippjanar, id-direzzjoni jew it-tweqqif ta' atti fid-Darfur tal-Punent li jikkostitwixxu abbużi serji tad-drittijiet tal-bniedem u ksur tad-dritt umanitarju internazzjonali, inkluż qtil, stupru u forom serji oħra ta' vjolenza sesswali u abbażi tal-ġeneru, u ħtif.	

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
9.	Mohamed Ali Ahmed SUBIR	Nazzjonalità: Sudaniża Sess: raġel Funzjoni: Logutenent Ġenerali, Direttur tad-Direttorat tal-Intelligence Militari (DMI) tal-Forzi Armati Sudaniżi (SAF); Entitajiet assoċjati: Il-Forzi Armati Sudaniżi (SAF); Id-Direttorat tal-Intelligence Militari (DMI)	Mohamed Ali Ahmed Subir huwa Logutenent Ġeneral fil-Forzi Armati Sudaniżi (SAF) u d-Direttur tad-Direttorat tal-Intelligence Militari (DMI) tal-SAF. F'din il-kapaċità, huwa kien inkarigat mill-operazzjonijiet imwettqa mid-DMI mindu faqqa' l-kunflitt, fil-15 ta' April 2023, bejn l-SAF, il-Forzi ta' Appoġġ Rapidu (RSF) u l-gruppi armati alleati tagħhom. Dan huwa enfasizzat mill-parteċipazzjoni tiegħu f'laqgħat ta' livell għoli żvelati pubblikament ta' kmandanti anzjani tal-SAF, immexxija mill-Kap Kmandant Abdelfattah Al-Burhan fil-Kmand Ġenerali tal-SAF f'Khartoum f'Mejju u Lulju 2023. Għalhekk, Mohamed Ali Ahmed Subir għandu responsabbiltà ta' kmand fil-fastidju, l-arrest arbitrarju u d-detenzjoni ta' difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, attivisti tal-komunità lokali, inklużi attivisti kontra l-gwerra, avukati, professjonisti mediċi, voluntiera li jappoġġaw is-servizzi ta' emerġenza, membri ta' partiti politiċi u ta' kumitati ta' reżistenza u persuni perċepiti bħala sostenituri tal-RSF.	+

+ ĠU: Jekk jogħġbok daħħal id-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni.

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
			Mohamed Ali Ahmed Subir kien involut ukoll f'diversi każijiet ta' vjolenza sesswali, inkluż theddid ta' stupru u theddid ta' stupru, attribwit lid-DMI, u fit-twettiq ta' atti, mid-DMI, li jammontaw għal tortura u forom oħra ta' trattament ħażin. Mohamed Ali Ahmed Subir huwa responsabbli wkoll għall-impożizzjoni ta' restrizzjonijiet sinifikanti mid-DMI fuq l-aċċess għall-għajnuna u l-konsenja tagħha. Għalhekk, Mohamed Ali Ahmed Subir kien u għadu involut direttament fit-twettiq ta' atti, mid-DMI, li jikkostitwixxu ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem u ksur tad-dritt umanitarju internazzjonali, u għalhekk huwa responsabbli għal azzjonijiet li jimminaw direttament l-isforzi biex titkompla t-tranżizzjoni politika fis-Sudan.	

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
10.	Osman Mohamed HAMID magħruf ukoll bħala Osman AMALIYAT	Nazzjonalità: Sudaniża Sess: raġel Funzjoni: Maġġur Ġeneral tal-RSF; Kap tal-Operazzjonijiet tal-RSF; Entitajiet assoċjati: Forzi ta' Appoġġ Rapidu	Osman Mohamed Hamid huwa Maġġur Ġeneral fil-Forzi ta' Appoġġ Rapidu (RSF) u l-Kap tal-Operazzjonijiet tal-RSF. Għalhekk ġie inkarigat mill-operazzjonijiet imwettqa mill-RSF minn mindu faqqa' l-kunflitt bejn il-Forzi Armati Sudaniżi (SAF), l-RSF u l-gruppi armati alleati tagħhom, fil-15 ta' April 2023, kif enfasizzat b'mod partikolari mill-preżenza tiegħu fil-kamp tal-battalja f'Jebel Aulia f'Novembru 2023. Għalhekk, Osman Mohamed Hamid għandu responsabbiltà ta' kmand fit-tkomplija tal-ġlied mill-RSF u fil-ksur tad-dritt internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem u tad-dritt umanitarju internazzjonali mwettaq mill-RSF. Huwa responsabbli għal attakki fuq skala kbira bbażati fuq etniċità intersezzjonali u abbażi ta' ġeneru, qtil, tortura, vjolenza sesswali u abbażi tal-ġeneru mifruxa, stupru, skjavitù sesswali, ħtif, reklutaġġ u l-użu ta' tfal f'oštilitajiet u l-oštakolar tal-aċċess għall-għajnuna umanitarja għal persuni ċivili fil-bżonn.	+

+ ĠU: Jekk jogħġbok daħħal id-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni.

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elencar
			Għalhekk, Osman Mohamed Hamid għalhekk kien involut direttament fit-twettiq ta' atti, mill-RSF, li jheddu l-paċi, l-istabbiltà u s-sigurtà tas-Sudan. Huwa responsabbli wkoll għal azzjonijiet li jikkostitwixxu ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem u ksur tad-dritt umanitarju internazzjonali, u azzjonijiet li jimminaw direttament l-isforzi biex titkompla t-tranżizzjoni politika fis-Sudan.	